

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "RISKMANAGER" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 35 u 42 — applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 9 446 881

Deċiżjoni tal-eżaminatur: applikazzjoni għal trade mark Komunitarja miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 7(1)(b), 7(1)(c) u 7(3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fil-21 ta' Diċembru 2012 — Kaatsu International vs UASI (KAATSU)

(Kawża T-567/12)

(2013/C 63/46)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Kaatsu International Co. Ltd (Morningside Drive, l-Istati Uniti) (rappreżentant: M. Edenborough, QC)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata tal-Bord tal-Appell;
- tordna li l-konvenut għandu jħallas lir-rikorrenti l-ispejjeż sostnuti minnha fil-kuntest ta' dan ir-rikors.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "KAATSU" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 10, 16, 28, 41 u 44 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 10 179 547

Deċiżjoni tal-eżaminatur: applikazzjoni għal trade mark Komunitarja miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: rikors miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fis-17 ta' Diċembru 2012 — Golam vs UASI — Derby Cycle Werke (FOCUS extreme)

(Kawża T-568/12)

(2013/C 63/47)

Lingwa tar-rikors: il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: Sofia Golam (Ateni, il-Greċja) (rappreżentant: N. Trovas, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Derby Cycle Werke GmbH (Cloppenburg, il-Ġermanja)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tilqa' dan ir-rikors sabiex tiġi annullata d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tas-16 ta' Ottubru 2012, fil-Każ R 2327/2011-4;

— tiċħad l-oppożizzjoni tal-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell u tilqa' fl-intier tagħha t-talba mressqa mir-rikorrenti;

— tikkundanna lill-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell sabiex tħallas lir-rikorrenti l-ispejjeż sostnuti f'din il-proċedura.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikanti għat-trade mark Komunitarja: Sofia Golam

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark figurattiva "FOCUS extreme" għal prodotti fil-klassijiet 5, 16 u 25 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 8945487

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Derby Cycle Werke GmbH

Trade mark jew sinjal invokat: it-trade mark verbali Ġermaniża "FOCUS" li ġiet irreġistrata taħt in-Nru 2062620, għal prodotti fil-klassi 25

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni milqugħa

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009.

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Diċembru 2012 — Marouf vs Il-Kunsill

(Kawża T-569/12)

(2013/C 63/48)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Soulieman Marouf (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: V. Davies, Solicitor, T. Eicke, QC, A. Sander, Barrister, u R. Franklin, Solicitor)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea